# QORTI TAL-APPELL

**IMĦALLFIN**

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**AĠENT PRESIDENT**

**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**

**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta’ nhar il-Ħamis 2 ta’ Mejju 2019**

**Numru 2**

**Rikors numru 1166/2015 JPG**

**Anthony Grech Sant**
***v.***
**Ronald Robert Balani**

1. Din is-sentenza hija dwar talba magħmula minn Anthony Grech Sant biex jinstema’ mill-ġdid appell maqtugħ b’sentenza ta’ din il-qorti tas-27 ta’ Ottubru 2016, wara li titħassar dik is-sentenza għax igħid illi s-sentenza applikat il-liġi ħażin u hija effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża (art. 811 para. (*e*) u (*l*) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili). Il-fatti relevanti huma dawn:

2. B’ittra ġudizzjarja ippreżentata quddiem il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili taħt l-art. 256(2) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili,

Anthony Grech Sant fittex li jirrendi esekwibbli numru ta' *cheques* li ma kinux ġew onorati, biex hekk ikun jista' jgħaddi għall-esekuzzjoni tal-imsemmija *cheques* li hu qieshom *promissory notes* għall-għanijiet tal-art. 253(*ċ*) tal-istess kodiċi.

3. Wara li l-ittra ġudizzjarja ġiet notifikata lilu fit-28 ta' Novembru 2015, Ronald Robert Balani b'rikors ippreżentat fid-9 ta' Diċembru 2015 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili issottometta illi "t-talba tal-mittent [Grech Sant] għandha tiġi miċħuda peress li … legalment infondata" għar-raġuni, fost oħrajn, illi "d-dokumenti annessi mal-imsemmija ittra uffiċjali la huma kambjalijiet u lanqas *promissory notes* kif allegat fl-imsemmija ittra uffiċjali iżda *cheques*" u "*cheque* ma jista' qatt jiġi ekwiparat ma' *bill of exchange* jew *promissory note* kif qiegħed jittenta jagħmel il-mittent".

4. Anthony Grech Sant ressaq eċċezzjoni, fost oħrajn, illi:

> »… it-talba kif proposta ma ssegwix il-kriterji stabbiliti fil-liġi *stante* illi m'huwiex qiegħed jintalab li l-esekuzzjoni tiġi sospiza *in toto* jew *in parte* u t-talba kif proposta hija differenti minn dik proposta mill-*proviso* tal-artikolu 253(*e*)[1] tal-Kap. 12 tal-Liġi ta' Malta.«

---

[1] **253.** Huma titoli esekuttivi:

…

(*e*) kambjali u *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ:

B'dan iżda illi l-qorti kompetenti skont il-valur tal-kambjala jew *promissory note* tista', b'digriet li ma jkunx appellabbli, tissospendi l-esekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kollha jew f'parti minnha u sew suġġett għal garanzija kif ukoll mingħajrha, fuq rikors tal-persuna li tkun qed topponi l-esekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* kif fuq imsemmi, u li għandu jsir fi żmien għoxrin jum min-notifika tal-ittra uffiċjali li tintbagħat biex tirrendi l-istess kambjala jew *promissory note* esegwibbli, minħabba illi l-firma fuq dik il-kambjala jew *promissory note* ma tkunx tagħha jew tal-mandatarju tagħha jew fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-eżekuzzjoni u f'dak il-każ biex persuna tesiġi l-ħlas ta' dik il-kambjala jew *promissory note* tkun trid tipproċedi b'kawża skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Kummerċ.

5. Bi provvediment tal-5 ta’ Ottubru 2016 il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili laqgħet l-eċċezzjoni u għalhekk ċaħdet it-talbiet magħmula fir-rikors tad-9 ta’ Diċembru 2015 għal raġunijiet li fissrithom hekk:

»Permezz ta’ dawn il-proċeduri, ir-rikorrent Balani qiegħed jitlob il-qorti sabiex tiċħad it-talba tal-mittenti Grech Sant fl-ittra uffiċjali tal-25 ta’ Novembru 2015 permezz ta’ liema huwa sejjaħ lil Balani sabiex iħallas is-somma ta’ mija, wieħed u sebgħin elf u ħames mitt euro u wieħed u sittin ċentezmu (€171,500.61) rappreżentanti tnax-il “*promissory notes ossia cheques*” bħala titoli esekuttivi għall-esekuzzjoni tagħhom a tenur tal-artikolu 253(*e*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Balani jikkontendi illi *cheque* m’huwiex titolu esekuttiv għall-finijiet u l-effetti tal-ligi u għalhekk l-artikolu 253(*e*) m’huwiex applikabbli fiċ-ċirkostanzi.

»Il-mittent Grech Sant eċċepixxa preliminarjament illi t-talba kif proposta ma ssegwix il-kriterji tal-liġi peress illi t-talba m’hijiex għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni *in toto* jew *in parte* kif jipprovdi l-*proviso* tal-artikolu 253(*e*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta. Fin-nota ta’ osservazzjonijiet tiegħu r-rikorrent Balani jargumenta illi din l-eċċezzjoni hija bbażata fuq il-posizzjoni erroneja tal-mittent Grech Sant illi l-artikolu 253(*e*) huwa applikabbli għal *cheques*.

»Il-qorti tqis illi, sabiex tiġi deċiża din l-eċċezzjoni, irid l-ewwel nett jiġi deċiż jekk l-artikolu 253(*e*) huwiex applikabbli fir-ċirkostanza in diżamina u għalhekk ser tgħaddi sabiex tagħmel analiżi tal-applikabbilità *o meno* tal-artikolu 253(*e*) meta d-dokument in kwistjoni ma jkunx kambjala jew *promissory note* iżda jkun *cheque*.

»… … …

»Il-mittent Grech Sant jargumenta fir-risposta tiegħu illi “… *cheque* huwa meqjus bħala *credit instrument* u huwa meqjus bħala *promissory note …*” u illi apparti minn hekk hemm diversi sentenzi skont liema *cheque* jista’ jitqies bħala kambjala. Huwa jargumenta illi ċ-*cheque* jifforma wieħed mill-istrumenti ta’ kreditu imsemmija f’artikolu 253(*e*) tal-Kapitolu 12 kif definit fil-Kodiċi tal-Kummerċ.

»Mill-ġurisprudenza … huwa evidenti illi fil-liġi *cheque* huwa ekwiparabbli għal kambjala, tant illi l-liġi applikabbli hija l-liġi tal-kambjala. Dan dejjem meta ċ-*cheque* ikun “*to order*” u allura strument ta’ kreditu, u mhux “*only*” għaliex meta *cheque* isir “*only*” jitqies bħala metodu ta’ pagament u mhux strument ta’ kreditu. Fil-kaz *de quo*, mill-kopji taċ-*cheques* esebiti *a fol.* 25 tal-proċess jirrizulta illi ċ-*cheques* maħruġa minn Balani kienu “*or order*”, u għalhekk iċ-*cheques* in kwistjoni huma strumenti ta’ kreditu ekwiparabbli għal kambjala, u l-liġi tal-kambjala hija applikabbli.

»Il-qorti tqis illi l-konsegwenza naturali tal-insenjament hawn fuq enunċjat hija li l-artikolu 253(*e*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta’ Malta huwa applikabbli fil-każ *de quo*, għaliex ftit ikun jagħmel sens li ngħidu li l-liġi tal-kambjala hija applikabbli għal *cheques* “*to order*” jekk imbagħad ma jitqisx ukoll applikabbli dan l-artikolu li jirigwarda l-infurzar ta’ strumenti ta’ kreditu. … … … [I]t-titolu kambjarju huwa

> immedjatament perfett u effikaċi appena jinħoloq, u allura, jekk *cheque* jagħti lill-possessur tiegħu titolu kambjarju, dan ikun qed jagħti titolu perfett u effikaċi. Għalhekk jsegwi illi *cheque* huwa titolu esekuttiv għall-finijiet tal-artikolu 253(*e*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.
>
> »L-artikolu 253(*e*) jagħti l-possibilità lill-persuna li tkun irċeviet ittra uffiċjali intiża biex tirrendi l-istrument ta' kreditu relattiv esegwibbli, li titlob is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tal-istrument ta' kreditu. Huwa ċar li l-leġislatur ried illi din il-proċedura tintuża biss għas-sospensjoni tal-esekuzzjoni, u mhux għaċ-ċaħda tal-esekuzzjoni tal-istrument ta' kreditu, għaliex l-istess *proviso* stess jgħid illi l-kreditur imbagħad ikun jista' jiftaħ kawża skont id-disposizzjonijiet tal-Att tal-Kummerċ [*recte*, tal-Kodiċi tall-Kummerċ] sabiex irendi t-titolu tiegħu esekuttiv. … … .
>
> »… … … il-proċedura provduta fil-*proviso* tal-artikolu 253(*e*) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija waħda ristretta għal sempliċi sospensjoni tal-esekuzzjoni f'ċirkostanzi partikolari, u l-liġi ma tagħti l-ebda setgħa oħra lill-qorti. Għalhekk dak li qed jintalab mir-rikorrent Balani imur ferm *oltre* l-poteri mogħtija lil din il-qorti mil-liġi, fatt li minnu huwa konsapevoli r-rikorrent għaliex fil-fatt huwa ma kkontestax illi taħt dan l-artikolu tista' tintalab biss is-sospensjoni tal-esekuzzjoni tat-titolu, iżda qal biss l-artikolu 253(*e*) m'huwiex applikabbli f'dawn il-proċeduri.«

6. Balani appella u din il-qorti bis-sentenza issa attakkata laqgħet l-appell, ħassret is-sentenza appellata u laqgħet it-talbiet magħmula fir-rikors tad-9 ta' Diċembru 2015 għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Illi l-kwistjoni f'din il-kawża hija waħda legali u hija intiża għall-interpretazzjoni tal-artikolu 253(*e*) tal-imsemmi Kap. 12 li jqis bħala titoli esekuttivi *"*kambjali u *promissory notes* maħruġa skont il-Kodiċi tal-Kummerċ*".* L-ewwel qorti aċċettat it-teżi tal-intimat Grech Sant li *cheque* huwa kambjala, u kwindi jista' jiġi res esekuttiv bil-proċedura kontemplata fl-artikolu 256(2) tal-istess Kap. 12, u *cioè* bin-notifika ta' sejħa għall-ħlas magħmula b'att ġudizzjarju.
>
> »Ir-rikorrent appella mis-sentenza u jgħid li għalkemm *cheque* għandu aspetti simili għall-kambjala, fil-verità ma humiex l-istess, u *cheque* huwa eskluż mill-operat tal-artikoli msemmija tal-Kap. 12.
>
> »L-intimat Grech Sant wieġeb li hu jsostni d-deċiżjoni tal-ewwel qorti, iżda ressaq bħala preġudizzjali preliminari n-nullità tal-appell peress illi, skont hu, digriet fuq l-effikaċja *o meno* tal-artikolu 253(*e*) mhux appellabbli.
>
> »Trattat l-ewwel dan l-aħħar punt, din il-qorti tara li huwa minnu li l-*proviso* għall-artikolu msemmi jgħid li digriet għas-sospenzjoni tal-esekuzzjoni ta' dik il-kambjala jew *promissory note* "ma jkunx appell-abbli", però, f'dan il-każ, ir-rikorrent mhux qed jitlob is-sospenzjoni tal-esekuzzjoni ta' kambjala jew *promissory note*, iżda qed jissottometti illi dak l-artikolu ma japplikax affattu għal *cheques*, u allura dak li pprova jagħmel l-intimat huwa ħażin. L-intimat Grech Sant ipprova jinqeda bl-artikolu 253(*e*) u 256(2) biex, bi proċedura sempliċi (ħruġ u notifika ta'

ittra uffiċjali), jakkwista titolu esekuttiv a bażi ta' *cheques* maħruġa mir-rikorrenti. Ir-rikorrent mhux qed jitlob li l-esekuzzjoni tat-titolu esekuttiv reklamat jiġi sospiż, iżda qed jallega li *cheque* mhux titolu esekuttiv u l-proċedura kontemplata fl-imsemmija artikoli m'hijiex applikabbli. Kwindi, il-*proviso* għall-artikolu 253(*e*) huwa wkoll inapplikabbli u s-sentenza definitiva li tat din il-qorti f'dan il-każ hija appellabbli bil-proċedura solita.

Trattat issa l-meritu tal-kawża, din il-qorti tirrileva li kambjala, *cheque* u *promissory note* huma strumenti ta' kreditu, u għandhom ċertu somiljanza. Il-fatt li fl-imsemmi artikolu tal-liġi l-leġislatur semma tnejn u mhux ukoll it-tielet wieħed jagħti x'jifhem illi hu ma riedx jagħti titolu esekuttiv lill-istrumenti ta' kreditu kollha. Anzi, kif osservat il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża <u>*Anjake Ltd v.* Balani</u>, deċiża fis-17 ta' Jannar 2017, mid-dibattiti parlamentari fuq dan l-artikolu joħroġ ċar li l-leġislatur ried, f'dak l-istadju, jeskludi li jqis *cheques* bħala li jistgħu jipproduċu titolu esekuttiv. Tajjeb li jingħad li, f'din l-aħħar imsemmija kawża, dik il-qorti qalet ċar u tond li *cheque* mhux titolu esekuttiv.

»Ikkonsidrat il-meritu nnifsu, din il-qorti tifhem li bejn *cheques* u kambjali hemm ħafna similitajiet, però ma jistgħux jitqiesu li joperaw bl-istess mod. … … …

»… … …

»Isegwi li mhux kemm tgħid li l-kambjala tfisser ukoll *cheque*.

»In-natura vera ta' *cheque* hi wkoll differenti minn dik ta' kambjala. *Cheque* għandha n-natura ta' mandat, li ma japplikax għall-kambjala. Hu minnu li, maż-żmien, beda jiġi aċċettat li ċerti elementi tal-kambjala għandhom japplikaw ukoll għaċ-*cheque*, però din mhux biss ħolqot ftit ta' konfużjoni, iżda l-assimilazzjoni ma ġietx aċċettata bħala stat ta' fatt. … … …

»… … …

»*Cheque*, mela, huwa *negotiable instrument* bħal kambjala, però t-tnejn mhux l-istess, u kif ingħad, *"it is still not altogether clear"* kemm il-prinċipji tal-kambjala japplikaw għaċ-*cheque* u sa fejn. Jingħad, per eżempju, li kambjala għandha eżistenza awtonoma u indipendenti min-negozju li wassal għall-ħruġ tagħha, iżda ma jidhirx li intqal l-istess dwar *cheques*.

»Din il-qorti, kwindi, ma tarax li l-kliem kambjala jew *promissory note* użata fl-artikolu 253(*e*) tal-Kap. 12 jistgħu jiġu estiżi biex jinkludu *cheques* li, kif intwera, għandhom natura differenti u japplikaw għalihom regoli differenti.

»Wieħed, forsi, jista' jargumenta li *cheque* jiġi jixbah kambjala jekk jitpoġġa fiċ-ċirkolazzjoni bl-endorsjar tiegħu. Fil-fatt, din il-qorti f'sentenza tal-15 ta' Ottubru 1875, fil-kawża fl-ismijiet <u>Enrico Sammut *v.* Conte Vincenzo Falzon</u> (Vol. VII. 448) kienet osservat:

> »"È certo che anche i *cheques* sopra banchieri o cassieri, quando sono all'ordine e sono stati negoziati per via di girata, come nel caso, l'atto della girata si converte in cambiale – e quindi sono applicabili a sifatti *cheques* le regole concernanti per mancanza di pagamento quando non sono debitamente pagati, come nel caso di una cambiale."

»F’dan il-każ ma jirriżultax li ċ-*cheques* in kwistjoni ġew ġirati u kwindi lanqas jista’ jingħad li ġew ‘mibdula’ f’kambjala.

»Il-liġi in kwistjoni ma titkellimx dwar titoli ta’ kreditu in ġenerali iżda speċifikament dwar il-kambjala u *promissory note*. *Cheque*, f’xi aspetti tiegħu, jixbah lil dawn, iżda ma huwiex wieħed minnhom.

»Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, tiddisponi mill-appell tar-rikorrent Ronald Robert Balani billi tilqa’ l-istess, tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel qorti tal-5 ta’ Ottubru 2016, u tilqa’ t-talba tiegħu kif kontenuta fir-rikors promotur tiegħu tad-9 ta’ Diċembru 2015.

»L-ispejjeż in prim istanza jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet kif iddeċidiet l-ewwel qorti, waqt li dawk marbuta ma’ dan l-appell jitħallsu mill-appellat Anthony Grech Sant.«

7. B’rikors tad-9 ta’ Jannar 2018 Grech Sant talab illi din il-qorti:

»… jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-27 ta’ Ottubru 2017 u konsegwentement tiċħad l-appell tal-intimat Balani bl-ispejjeż kollha, salv dawk kif ġew deċiżi mill-qorti *in prim’istanza*.«

8. Għal dan ir-rikors Balani wieġeb fit-18 ta’ Jannar 2018 u, qabel ma wieġeb għar-rikors ta’ ritrattazzjoni fil-meritu, ressaq dawn l-eċċezzjonijiet preliminari ta’ nullità tar-rikors:

»(1) illi r-rikors ta’ ritrattazjoni tar-rikorrent huwa irritu u null peress illi r-rikorrent ħallas l-ispejjeż kollha dovuti minnu skond is-sentenza ta’ din il-qorti tas-27 ta’ Ottubru 2017 fl-ismijiet fuq premessi li qiegħda tiġi attakkata bl-odjern rikors u b’hekk irrinunzja għal dawn il-proċeduri;

»(2) illi mingħajr preġudizju għal din l-ewwel eċċezzjoni dan ir-rikors huwa ukoll irritu u null peress illi fit-talba tiegħu r-rikorrent qiegħed jitlob biss li s-sentenza tas-27 ta’ Ottubru 2017 tiġi mħassra però naqas li jitlob illi ssir ir-ritrattazjoni tagħha u minflok talab revoka tas-sentenza tal-appell:

»illi huwa ben not illi l-ġudizzju tar-ritrattazjoni jikkonsisti f’żewġ stadji differenti, wieħed imsejjah “*il rescindente*” li fih tiġi annullata s-sentenza impunjata u l-ieħor dak imsejjaħ “*il rescissorio*” li fih terġa’ ssir it-trattazzjoni ġdida u tingħata sentenza ġdida.

»Illi dawn iż-żewġ stadji huma distinti minn xulxin.«

9. L-ewwel eċċezzjoni ta’ nullità hija fiergħa. Bla ma tqis l-fatt illi ma nġibitx prova ta’ dan il-ħlas, il-qorti tosserva illi l-art. 823(1) tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili jgħid illi “t-talba għar-ritratt-

azzjoni ma twaqqafx l-esekuzzjoni tas-sentenza attakkata”. Għalhekk l-ordni mogħti fis-sentenza attakkata illi “l-ispejjeż … marbuta ma’ dan l-appell jitħallsu mill-appellat Anthony Grech Sant” huwa esekwibbli, u kull ma għamel Grech Sant meta ħallas l-ispejjeż hu illi obda dak l-ordni ladarba ma talabx it-twaqqif tal-esekuzzjoni tas-sentenza taħt l-art. 823(2).

10. L-ewwel eċċezzjoni ta’ nullità hija għalhekk miċħuda.

11. It-tieni eċċezzjoni ta’ nullità hija msejsa fuq il-fatt illi Grech Sant “naqas li jitlob illi ssir ir-ritrattazjoni tagħha u minflok talab revoka tas-sentenza tal-appell”. Biex jilqa’ għal din l-eċċezzjoni Grech Sant b’rikors ippreżentat fil-25 ta’ Frar 2019 taħt l-art. 175 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili talab illi ssir korrezzjoni fit-talba kif magħmula fir-rikors ta’ ritrattazzjoni billi jiżdied il-kliem “u jekk ikun il-każ t-tordna r-ritrattazzjoni” u hekk it-talba tkun biex il-qorti:

> »… jogħġobha tħassar u tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell fil-kawża fl-ismijiet premessi fis-27 ta’ Ottubru 2017 *u jekk ikun il-każ t-tordna r-ritrattazzjoni* u konsegwentement tiċħad l-appell tal-intimat Balani bl-ispejjeż kollha, salv dawk kif ġew deċiżi mill-qorti *in prim’istanza*.«

12. Balani wieġeb fis-6 ta’ Marzu 2019 u oppona għat-talba għax fil-fehma tiegħu din tbiddel “fis-sustanza l-azzjoni proposta permezz tar-rikors promutur”.

13. Il-qorti tqis l-eċċezzjoni ta’ nullità bħala fiergħa u ma tarax il-ħtieġa għall-korrezzjoni mitluba bir-rikors tal-25 ta’ Frar 2019, li twassal biss għal ħtieġa għal notifika mill-ġdid tar-rikors ta’ ritrattazzjoni u ħela ta’ żmien. It-talba oriġinali hija għat-tħassir tas-sentenza u għaċ-ċaħda

tal-appell. Huwa ovvju illi biex il-qorti tiddeċiedi tiċħadx jew tilqax l-appell (fil-każ li tkun ħassret is-sentenza) dak l-appell trid tqisu mill-ġdid, *i.e.* tordna "ritrattazzjoni" tal-appell. It-talba għar-ritrattazzjoni tal-appell hija għalhekk impliċita fit-talba għaċ-ċaħda tiegħu u ma hija meħtieġa ebda forma sagramentali ta' kliem. L-art. 816 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, dwar "x'għandu jkun fih ir-rikors", ma jgħidx illi taħt piena ta' nullità għandha tintalab espressament ir-ritrattazzjoni.

14. It-tieni eċċezzjoni ta' nullità hija wkoll miċħuda u l-qorti sejra issa tgħaddi biex tqis it-talba għat-tħassir tas-sentenza.

15. L-ewwel aggravju huwa "dwar l-appellabilità tad-dikriet mogħti *in prim'istanza* u żball li jirriżulta mill-atti, u ġie mfisser hekk:

> »… … … ir-rikors promotur ta' Balani huwa rikors ippreżentat a tenur tal-art. 253 tal-Kap. 12 u mhux rikors ġuramentat u tenur tad-dispos-izzjonijiet tal-art. 154 *et seq.* tal-Kap 12.
>
> »Huwa evidenti illi r-rikorrenti Balani utilizza l-proċedura stipulata fl-art. 253 tal-Kap. 12 u tali artikolu tal-liġi jagħmilha ċara illi r-rikors għandu jkun wieħed ordinarju u ma jesiġix li dan ikun ġuramentat – u fil-fatt ma kienx – kif lanqas ma kienet ġuramentata r-risposta.
>
> »Skond l-art. 253 fuq imsemmi, l-eventwali digriet li tagħti l-qorti "ma jkunx appellabbli".
>
> »Il-Qorti tal-Appell però waslet għall-konklużjoni illi seta' jsir appell.
>
> »… … …
>
> »Iżda bir-rispett kollu għal dak li qalet il-Qorti tal-Appell wieħed ma jistax jinsa illi l-proċeduri odjerni ġew inizjati bi proċedura taħt l-art. 253(*e*) tal-Kap. 12. Din hija proċedura ristretta, u talba simili tista' tiġi intentata anke "fejn dik il-persuna tressaq raġunijiet oħra gravi u validi biex topponi dik l-esekuzzjoni".
>
> »Illi l-Qorti tal-Appell naqset milli tapplika dak li hemm dispost fl-art. 253(*e*) tal-Kap. 12 u apparti dan kienet żbaljata meta qieset ir-rikors bħala wieħed ordinarju (rikors ġuramentat) li taħt dak li hemm dispost fl-art. 154 *et seq.* tal-Kap. 12 iġib dritt ta' appell taħt il-"proċedura solita".

»Il-Qorti tal-Appell biddlet il-binarju tal-kawża u ma applikatx il-liġi applikabbli skond Il-binarju magħżul mir-rikorrenti Balani.

»Umilment l-esponenti jżid illi apparti li l-Qorti tal-Appell ma applikatx id-disposizzjonijiet tal-artikolu 253, hija inventat rimedju ineżistenti. Jekk lill-Qorti tal-Appell dehrilha li kien hemm xi rimedju addizzjonali, il-proċedura intentata minn Balani kienet waħda irrita u nulla billi ma sarx [*sc.* rikors] ġuramentat a tenur tal-artikolu 154 *et seq.* tal-Kap. 12 u dan iġib in-nullità għab-bażi tad-disposizzjoni tal-artikolu 164(1) tal-istess kodiċi. Huwa evidenti però illi fil-każ odjern ħadd mill-partijiet ma allega li r-rikors kien wieħed ġuramentat u l-Qorti tal-Appell ħarġet mill-binarju tal-kawża u ma applikatx il-liġi li kellha tapplika għall-każ odjern.

»Konsegwentement l-esponenti jtenni illi l-Qorti tal-Appell ma applikatx il-liġi korrettament u a tenur tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 811(*e*) tal-Kap. 12 hemm lok ta' ritrattazzjoni tal-istess sentenza, u meta ma qisitx ir-rikors li jaqa' [*recte*, li r-rikors jaqa'] strettament taħt dak li hemm dispost taħt l-art. 253 tal-Kap. 12 ħadet żball li jirriżulta manifestament mill-atti tal-kawża.«

16. Balani wieġeb illi "l-artiklolu 811(*e*) jirreferi meta hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi u mhux meta l-kwistjoni tirreferi għal interpretazzjoni tal-liġi" u, dwar l-art. 811(*l*), "illi ma nġiebet ebda prova illi s-sentenza tal-appell kienet erronea bħala riżultat derivanti mill-proċeduri jew dokumenti tal-kawża".

17. Dwar ir-raġuni taħt l-art. 811(*l*) – "jekk is-sentenza kienet l-effett ta' żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża" – dak il-paragrafu jkompli hekk:

»Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta' xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.«

18. Jidher ċar illi l-iżball irid ikun wieħed ta' fatt. Grech Sant qiegħed jallega li kien hemm żball fil-proċedura u mhux żball ta' fatt. Huwa ovvju għalhekk illi r-raġuni taħt l-art. 811(*l*) ma tolqotx il-każ tallum. Din il-parti tal-aggravju għalhekk hija miċħuda.

19. Dwar ir-raġuni taħt l-art. 811(*e*) – "jekk is-sentenza tkun applikat il-liġi ħażin" – dak il-paragrafu jkompli hekk:

> »għall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi, fil-każ biss li d-deċiżjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skont il-liġi, basta li l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta' liġi, li fuqha l-qorti tkun espressament tat deċiżjoni;«

20. Relevanti wkoll l-art. 816 fil-parti li tgħid illi "meta r-raġuni hija l-applikazzjoni ħażina tal-liġi, l-attur għandu jsemmi l-liġi li kien imissha ġiet applikata".

21. Fil-każ tallum ir-rikors għar-ritrattazzjoni igħid illi l-Qorti tal-Appell fis-sentenza attakkata mxiet bħallikieku t-talba magħmula bir-rikors ta' Balani fid-9 ta' Diċembru 2015 saret b'rikors maħluf taħt l-art. 154 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u mhux – kif fil-fatt saret – b'rikors (mhux maħluf) taħt il-*proviso* għall-art. 253(*e*). Il-konsegwenza kienet illi ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tan-nullità tal-appell meta dik l-eċċezzjoni kellha tintlaqa' ladarba dak il-*proviso* jgħid espressament illi dikriet mogħti wara rikors taħt l-istess *proviso* "ma jkunx appellabbli".

22. Il-qorti tosserva, qabel xejn, illi d-dikriet taħt l-art. 253(*e*) ma jkunx appellabbli meta jkun wieħed li bih il-qorti "tissospendi l-esekuzzjoni" u mhux meta, bħal fil-każ tallum, tiċħad it-talba u tħalli li titkompla l-esekuzzjoni. Għalhekk – għalkemm ir-*ratio decidendi* taċ-ċaħda tal-eċċezzjoni tal-inappellabilità tad-dikriet tidher li tgħid mod ieħor – il-qorti ma kellhiex għalfejn timxi bħallikieku r-rikors kien wieħed maħluf

flok wieħed taħt l-art. 253(*e*) biex tiċħad l-eċċezzjoni li d-dikriet mhux appellabbli. Ma jsegwix, għalhekk, illi s-sentenza tapplika liġi ħażina.

23. Dwar it-tieni parti tal-aggravju – illi t-talba ta’ Balani kellha ssir b’rikors maħluf għax ma ntalbitx is-sospensjoni tal-esekuzzjoni ta’ titolu esekuttiv (li setgħet isir b’rikors mhux maħluf taħt l-art. 253(*e*)) iżda ntalbet, effettivament, dikjarazzjoni illi *cheque* ma huwiex titolu esekuttiv – il-qorti tosserva illi din hija kwistjoni ta’ “interpretazzjoni ta’ liġi, li fuqha l-qorti … espressament tat deċiżjoni”. Il-qorti fis-sentenza attakkata interpretat il-*proviso* għall-art. 253(*e*) bħallikieku jagħti rimedju lill-persuna li tkun qiegħda topponi l-esekuzzjoni għar-raġuni li kien qiegħed jopponiha Balani, *viz.* li *cheque* ma huwiex titolu esekuttiv. Ma huwiex każ għalhekk li l-qorti applikat liġi flok oħra, u fil-proċeduri tallum ma huwiex mogħti li ssir reviżjoni tal-interpretazzjoni tal-liġi li tkun ingħatat fis-sentenza appellata.

24. L-aggravju huwa għalhekk miċħud.

25. L-aggravju l-ieħor ta’ Grech Sant igħid illi kienet ħażina d-deċiżjoni illi *cheque* ma huwiex *promissory note*:

> »It-tieni bażi ta’ ritrattazzjoni hija li l-esponenti dejjem tenna illi ċ-*cheque* jekwivali għal *promissory note* u bħala tali jaqa’ fid-definizzjoni ta’ dak li hemm dispost fl-artikolu 253(*e*) tal-Kap. 12 tal-Liġi ta’ Malta.
>
> »Il-Qorti tal-Appell però ikkonkludiet illi *cheque* m’huwiex kambjala. Dwar dan il-punt jiġi rilevat illi l-esponenti, għalkemm għandu opinjonijiet tiegħu dwar dan, jirrileva però illi l-vertenza kellha tkun jekk *cheque* huwiex *promissory note* jew le.
>
> «Il-Qorti tal-Appell daħlet fl studju sħiħ biex tiddistingwi *cheque* minn kambjala iżda ma argumentat xejn dwar il-punt jekk *cheque* għandux jitqies bħala *promissory note*. Hija eżaminat il-kriterji dwar dak li jikkostitwixxi kambjala izda naqset milli tqis dak li huwa *promissory note* a tenur tal-art. 260, 261 u 262 tal-Kap 13.

»… … … f'dan il-każ il-Qorti tal-Appell ma applikatx il-liġi korretta billi ma applikatx l-artt. 260, 261 u 262 tal-Kap. 13 bi *cross reference* għall-art 253(*e*) tal-Kap 12 u … dan jekwivali applikazzjoni ħażina tal-liġi.«

26. Għalkemm Grech Sant hawn ifittex li jargumenta illi s-sentenza attakkata applikat liġi flok oħra, dak li verament qiegħed jattakka hija l-interpretazzjoni mogħtija lill-art. 253(*e*). *viz.* li, għall-inqas għall-għanijiet ta' dak il-paragrafu, il-liġi tagħmel distinzjoni bejn kambjala, *promissory note* u *cheque*. Ġà għidna, iżda, illi fil-proċeduri tallum ma huwiex mogħti li ssir reviżjoni tal-interpretazzjoni tal-liġi li tkun ingħatat fis-sentenza appellata.

27. Il-kwistjoni quddiem il-Qorti tal-Appell ma kinitx jekk *cheque* jistax jitqies bħala forma speċjali ta' kambjala (għax għandu l-elementi kollha ta' kambjala taħt l-art. 123 tal-Kodiċi tal-Kummerċ b'dan li "dak li għandu jħallas" ikun bankier) jew bħala *promissory note*, iżda jekk jistax jitqies hekk għall-għanijiet speċifiċi tal-art. 253(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili. Għalhekk ma kinitx meħtieġa interpretazjoni tal-art. 123 jew tal-artt. 260, 261 u 262 tal-Kodiċi tal-Kummerċ, iżda interpretazzjoni tal-art. 253(*e*) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, u kien dan li għamlet il-Qorti tal-Appell, b'deċiżjoni li ma tistax tiġi impunjata f'dawn il-proċeduri għax kienet deċiżjoni dwar interpretazzjoni ta' liġi.

28. Dan l-agravju wkoll għalhekk huwa miċħud.

29. Il-qorti għalhekk tiċħad it-talba għat-tħassir tas-sentenza attakkata u għas-smigħ mill-ġdid tal-appell.

30. Dwar l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, billi l-ispejjeż relativi għall-eċċezzjonijiet ta' nullità għandu jħallashom Balani, il-qorti tordna li l-ispejjeż jinqasmu hekk: erba' ishma minn ħamsa ($^4/_5$) jħallashom Grech Sant u sehem minn ħamsa ($^1/_5$) jħallasu Balani.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo<br>Aġent President | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
mb